MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## NOEL CUSCHIERI

Seduta tal-25 ta' Ottubru, 2013

Rikors Numru. 163/2001/2

**A B et**
**vs**
**C DB armla ta' E B f'isimha proprju u bhala legittima rapprezentanti ta' binha minuri M u b'digriet tal-24 ta' Marzu 2003 il-Qorti ordnat it-trasfuzzjoni tal-gudizzju minn C-DB fl-ismijiet tal-minuri G u F ahwa B u bl-istess digriet gew nominati bhala kuraturi deputati biex jirraprezentaw lill-istess minuri Dr. Vincent Galea u l-PL Hilda Ellul Mercer u b'digriet tal-21 ta' Mejju 2003 il-Qorti rrevokat contrario imperio d-digriet taghha tal-24 ta' Marzu 2003 rigward in-nomina ta' kuraturi deputati u minflok b'nota tat-13 ta' Marzu 2003 assumiet l-atti tal-kawza ghan-nom tal-minuri F u G B H K**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni prezentata fl-1 ta' Frar 2001 li permezz taghha l-atturi ippremettew li binhom il-mejjet E B

mizzewweg lill-konvenuta li welldet tarbija fis-6 t'Awwissu 2000, fejn mic-certifikat tat-twelid jirrizulta li E B huwa registrat bhala missier it-tarbija, liema tarbija ggib l-isem ta' F B; li fil-fatt E B mhux il-missier biologiku tat-tarbija u l-atturi lest li jaghmlu kull ezami xjentifiku sabiex dan jigi stabbilit; ghaldaqstant qed jitolbu li din il-Qorti:

1. Tiddikjara li E B, iben l-atturi, mhux missier t-tarbija li welldet skont kif jirrizulta mic-certifikat tat-twelid u konsegwentement li kull fejn hemm registrat li E B huwa missier l-imsemmija tarbija ghandu jigi kancellat;

Bl-ispejjez kontra l-konvenuta minn issa ngunta in subizzjoni.

Rat in-nota t'eccezzjonijiet tal-konvenuta li biha eccepiet:

1. Illi l-Artikolu 81 tal-Kap 16 jghid li l-istat ta' iben legittimu ma jistghax jigi attakkat minn hadd lanqas mill-iben innifsu jekk il-minuri jkun akkwista l-istatus ta' iben legittimu mill-att ta' twelid u l-pussess ta' l-istess stat hekk kif gie deciz f'"Malika Cachia Ejjebili et vs Ahmed Kamel El Din et" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-26 ta' Jannar 2000 u f' "Stephen Healey vs Clyde Farrugia Vella et" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Marzu 2001;

2. Illi l-attur m'ghandhomx interess guridiku stante l-fatt li l-unika werrieta ta' E B huma l-konvenuti u binthom Marija, ghalhekk ghandhom jigu liberati mill-osservanza tal-Gudizzju;

3. Illi l-Artikolu 77 tal-Kap 16 huwa subordinat ghall-Artikolu 81 tal-Kap 16 hekk kif gie deciz fil- kawzi "Stephen healey vs Clyde Farrugia Vella et" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Marzu 2001, "Concetta Conti nomine vs Angelo Camilleri" (Vol. XXXII.ii.309) u "Jesmond Zammit vs Anthony Rapa et"(P.A. RCP 18 ta' Jannar 2000);

4. Illi kieku l-Artikolu 77 kellu jigi applikat dan ghandu jsir b'mod ristrettiv minhabba l-fatt li huwa ta' ordni

pubbliku u ma jirrizultax illi E B ma kienx fl-impossibilta' fizika li jghammar ma' martu ghax kien il-boghod minnha bejn it-220 jum u il-180 jum qabel it-twelid tat-tifel, huma kienu jghixu flimkien. Hekk kif deciz fil-kawzi "John Scicluna vs Sharon Buhagiar et" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fis-6 ta' Novembru 1995, "Ronald Bray vs Charmaine Bray" deciza fid-19 ta' Novembru 1997, "E K vs George Portelli" deciza mill-Qorti ta' l-Appell fit-28 ta' Frar 1997, "Stephen Haeley vs Clyde Farrugia Vella" deciza mill-Prim'Awla tal-Qorti Civili fl-1 ta' Marzu 2001;

5. Illi l-azzjoni ppruvat tikser Artikolu 32C tal-Kostituzzjoni u l-Artikolu 8 ta' l-Ewwel Skeda tal-Kap 319 peress li tali limitazzjonijiet proponibbli sabiex tigi attakata il-legittimita tal-persuna huma fil-fatt protetti fil-interess tal-familja a bazi ta' l-Artikolu 8(2) ta' l-ewwel skeda tal-Kap 319 hekk kif gie deciz fil-kawzi "F Malchin vs Germany" (app. Nru. 21548/93 deciz fil-11 ta' Jannar 1994 mill-Kummissjoni Ewropea), "M.B. vs the United Kingdom" (app. Nru. 22920/93 deciz fis-6 ta' April 1994, "Kroon and others vs the Netherlands" (Kawza Nru 29/1993/424/503 deciza fis-27 ta' Ottubru 1994); u "Nylynd vs Finland" (App. Nru 27110/95 deciza fid-29 ta' Gunju 1999) ikoll decizi mill-Kummissjoni Ewropea u din ghas-salvagwardja tal-familja;

Rat ir-rapport tal-Perit Legal Dottor Vincent Galea (Vol. 2 fols 250 et seq.)

Rat is-sentenza parzjali datata 27 t'Ottubru 2011 (Vol. 2 fols 287 et seq.), konfermata mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fit-30 ta' Novembru 2012, fejn gew michuda l-ewwel tlett eccezzjonijiet tal-konvenuti;

Rat l-Appell mis-sentenza in parte (Vol. 2 fols 301 et seq.)

Rat l-atti kollha tal-kawza, inkluzi r-rapport xjentifiku u l-affidavits prezentati;

Semghet ix-xhieda bil-gurament;

**Ikkunsidrat;**

**Konsiderazzjonijiet tal-Qorti**
Rigward ir-raba' eccezzjoni l-Qorti tirreferi ghall-ezami tad-DNA a fols 332 et seq tat-tieni volum tal-process fejn irrizulta li "*iben Eva B (ID No 570348M) u Francis B (ID No 455843M)mhux il-missier naturali ta' F B (ID No. 294000M)*"[1] hekk kif ikkonfermat minn Marisa Cassar li ghamlet it-testijiet wara li l-analista Christopher Farrugia ghaddielha l-kampjuni hekk kif ikkonferma fix-xhieda tieghu waqt l-udjenza tal-15 ta' Marzu 2013.

Rigward il-hames eccezzjoni, il-Qorti tosserva li din giet sorvolata b' dak deciz fis-sentenza parzjali fuq citata.

Ghal dawn il-motivi t-talba attrici hija gustifikata u timmerita li tigi milqugha.

**Decide**
Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tilqa' t-talba ta' l-atturi, u, filwaqt li tiddikjara li l-minuri F B li twieled minn C-Dfis-6 t'Awwissu 2000 mhuwiex il-wild naturali ta' E B, tordna li jsiru d-debiti korrezzjonijiet fl-att tat-twelid [numru 2940/2000] ta' l-istess minuri fit-termini talba attrici.

L-ispejjez kollha jkunu a kariku ta' l-konvenuti.

**< Sentenza Finali >**

-------------------------------TMIEM-------------------------------

[1] Vol. 2 fol. 333.